Citta' Notabile

# AGENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti mqajma
3. Komunikazzjoni mis-Sindku
4. Korrispondenza
5. Aġġudikazzjoni tal-Kwotazzjonijiet- MLC5/16
6. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet u ħlasijiet ta' Petty Cash
7. Affarijiet oħra meqjusa urgenti
8. Aġġornament

Minuti tal-laqgħa numru 44 tas-seba Kunsill

| | |
|---|---|
| POST | Sala tal-Kunsill |
| DATA | 11 ta' Ottubru 2016 |
| HIN | 3.00 pm |

| Kariga | Isem | Inizjali | Presenza |
|---|---|---|---|
| Sindku | Peter Sant Manduca | PSM | Prezenti |
| Vici Sindku | Joseph Debono | JD | Prezenti |
| Kunsillier | Jane Attard | JA | Skuzata |
| Kunsillier | Camille Scerri | CS | Prezenti |
| Kunsillier | Mary Ann Sultana | MS | Prezenti |
| Seg. Ezekuttiv | Mark Mallia | MM | Prezenti |

**Il-Kunsilliera Jane Attard infurmat lis- Segretarju Ezekuttiv li ma setatx tkun prezenti għall-laqgħa minħabba li kienet ma tiflaħx**

**44.1** **Approvazzjoni tal-Minuti**

44.1.1 Il-Minuti tal-Laqgħa numru 43 ġew approvati

**44.2** **Punti Mqajma**

44.2.1 Ma kien hemm ebda punti mqajma mill-minuti

**44.3** **Komunikazzjoni tas- Sindku**

44.3.1 Is- Sindku talab lis- SE biex jikteb lis- Sur Karl Borg organizzatur tal-Malta Classic Car biex jara li t-tiswijiet li għandhom isiru fuq il-ħajt tas-sejjieħ fi Triq L-Għarreqin isiru mill-aktar fiss possibli minħabba l-periklu li jezisti għas saħħa u s-sigurta tan-nies.

44.3.2 Is-Sindku PSM talab lis- SE biex jikteb lill-Perit N. Gatt mill-Restoration Department biex ix-xogħolijiet pendenti li għad fadal fuq il-horse shelter jitlestew minnufih għaliex qed jieħdu fit-tul. Fl-istess waqt PSM talab ukoll biex ninfurmaw ukoll lill-Perit dwar il-possibilita li jsir r-resurfacing tat- triq fin-nizla biswit Casino Notabile.

44.3.3 Is-Sindku PSM tkellem fuq il-laqgħa li kellu mas- Sur Silvio Scerri minn Transport Malta fuq xi problemi pendenti fuq tat-trasport li qed jolqtu l-lokalita ta' l-Mdina. Huwa semma fosthom li bħala karozzini, TM ser tara u jekk hemm bzonn tinforza, li ma jkunx hemm aktar minn erbatax (14) minnhom joperaw ġewwa l-Mdina. Ġie ssuġerit ukoll li għandhom jitqabbdu xi tip ta' *ground marshals* bħal ma hemm ġewwa l-Birgu għal kontroll tat-turisti mħarrġa minn TM. Is- SE ser ikellem lis- SE tal-Birgu u ser jistħarreġ kif qed tinħadem din is-sistema.

44.3.4 Is-Sindku PSM talab lis- SE biex jibgħat *reminder* lid- Direttur tal-Lands, s- Sur Peter Mamo rigward l-iffirmar tal-kuntratt il-ġdid ta' Casino Notabile

44.3.5 Is- Sindku PSM infurma lill- Kunsill li wasal z-zmien li l-*garden shed* li hemm f' Howard Gardens jiġi mikri lil terzi persuni u l-kunsill permezz ta' hekk jkollu introjtu ieħor dieħel. Din il-possibilta' ser tiġi ndirizzata s-sena d-dieħla.

44.3.6 Is-Sindku PSM infurma lill-Kunsill li fir- rigward tal-kuntratt l-ġdid tal-knis jidher li x-xogħol qed isir sew u ser ikun hemm moniteraġġ kostanti ta'dan is-servizz.

## 44.4 <u>Korrispondenza</u>

44.4.1 Talba mill-Ghaqda *Natalis Notabilis* rigward attivita' tal-milied li ser ssir bejn l-Erbgħa 7 u l-Ħadd 11 ta' Diċembru 206 biex juzaw l-area tat-Tomba u l-għalqa li tinsab fi Triq l- Għarreqin. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni u talab li bħala Kunsill niġu rikonoxxuti waqt din l-attivita'.

44.4.2 Ċirkulari mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli lokali rigward il-laqgħa tas-Sindki li ser issir nhar is- Sibt 5 ta' Novembru 2016.

44.4.3 Talba mingħand s-Sinjura Zammit Tabona biex jinħarġu 2 permessi tad-dħul fl-Imdina fuq residenza 7.8 u 9 Triq is- Salib Imqades. It-talba tagħha ġiet rrifjutata għar-raġuni li t-talba saret fuq zewġ mpjegati u mhux għal skop ta' residenza li tagħhom diġa huma fil-pussess tal-permessi relatati.

## 45.5 <u>Aġġudikazzjoni tal-Kwotazzjonijiet- MLC 5/16</u>

45.5.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra kwotazzjonijiet li ġew sottomessi fir-rigward ta' xiri u installazjoni ta' lampi dekorattivi fil-ġnien z-zgħir ta' Howard Gardens.

45.5.1.1 Il-Kunsill b'mod unanimu approva li jmur għall-irħas offerta li kienet ta' Calleja Ltd.

## 46.6 <u>Approvazzjoni ta' Ħlasijiet u ħlasijiet ta' Petty Cash</u>

46.5.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li ġġib id-data tas- 11 ta' Ottubru 2016 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta’ € 20,656.93.

46.5.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera MS li kien issekondat mill-Viċi Sindku JD. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li huwa dokument korrett.

**47.7 Affarijiet oħra meqjusa urġenti**

**47.7.1** Is- SE ressaq ittra mingħand Waste Collection Ltd għal attenzjoni tal-Kunsill fejn ġejna infurmati li bħala kumpanija li rebħet it-tender tat-tindif ta' Howard Gardens- Lot 2 qed jirrinunzjaw għal dan il-kuntratt.

**47.7.1.1** Il-Kunsill b'mod unanimu qabel li jiftaħ il-pakketti tat- tenders sottomessi oriġinarjament fit- 22 ta' Frar 2016 u jmur għal irħas offerta li kienet tas- Sur Charles Gauci għas-somma annwali ta' € 2,900.

**47.7.2** Is-Sindku infurma lill-Kunsill li Fr. Francalanza għan nom tal-patrijiet Frangiskani bgħat il-pjanti u d-dokumentazzjoni kollha lil Planning Authority fir-rigward tar-restawr tas-Salib li jinsab fil-ġnien z-zgħir f' Howard Gardens.

**47.7.3** Il-Kunsill ddeċieda li l-Ħarġa ta' l- Anzjani ser issir nhar is- Sibt 5 ta' Novembru 2016.

**48.8 Aġġornament**

48.8.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ġiet aġġornata għal 15 ta' Novembru 2016 fit-3pm.

| | |
|---|---|
| __IFFIRMATA_____ | __IFFIRMATA_______ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data: 15-11-2016________